

NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

*Jannar – Frar 2000* NRU. 112

## Messagg mill-Arcipriet

**Għeżież Parruċċani,**

Dalwaqt jibda r-Randan, żmien li l-Knisja tistedinna nqaddsuh permezz ta' tliet għemejjel: Iċ-ċaħda, it-talb, u s-smiegħ tal-kelma t'Alla. Verament dawn huma għemejjel tas-sena kollha, imma fi żmien ir-Randan għandna nfittxu aktar minn qabel biex:

◆ Infittxu l-okkażjoni li niċċaħdu minn dak li hu żejjed u nistgħu ngħaddu mingħajru ħalli niksbu ħakma akbar fuqna nfusna.

◆ Nagħtu importanza lit-Talb, jiġifieri lid-djalogu ma' Alla.

◆ Niġru wara l-Kelma t'Alla billi naqraw l-Iskrittura, niksbu li nistgħu mill-omelija tal-Ħadd u nagħmlu l-eżerċizzi spiritwali.

Fil-Bażilika ta' San Ġorġ ħa jkollna ħames korsijiet ta' eżerċizzi spiritwali. Il-programm tagħhom issibuh f'din r-rivista. Dwar dan ngħidilkom dan biss:

◆ Agħmlu ħilitkom biex l-eżerċizzi tar-Randan ma titilfuhomx. Ejjew intom u ħeġġu lil xulxin biex jiġu wkoll oħrajn, speċjalment membri tal-familji tagħkom.

◆ Ejjew għall-eżerċizzi li jsiru San Ġorġ. Din hi okkażjoni li fiha nistgħu niltaqgħu ma' xulxin fil-knisjja li hi d-dar l-kbira tagħna lkoll. Tabbandunawx id-dar tal-familja Ġorġjana għall-ebda raġuni ħlief dik serjissima tas-saħħa.

Minbarra l-priedki ta' l-eżerċizzi, matul ir-Randan se jkollna diversi pellegrinaġġI penitenzjali bir-rebħ ta' l-indulġenza plenarja. Dawn ikunu ġeneralment fil-weekend. Żommu ruħkom infurmati permezz tal-Bulettin tal-Ħadd.

Nitlob lil Alla l-Imbierek iberikkom. Nitlob lil San Ġorġ jidħol għalikom fil-bżonnijiet tagħkom.

*Arcipriet Ġużeppi Farrugia*

# RANDAN 2000

## • Korsijiet ta' Eżerċizzi Spiritwali •

**GĦALL-MIŻŻEWĠIN:** Predikatur: Patri WLLIAM Axiaq OFM Kap.
Mit-Tnejn 13 ta' Marzu sal-Ġimgħa 17 ta' Marzu fis-7.00pm
*(Ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal fiċ-Ċentru Parrokkjali)*

**GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ:** Predikatur: Fr. CHARLES CINI SDB
Mit-Tnejn 20 ta' Marzu sal-Ġimgħa 24 ta' Marzu fis-7.30pm

**GĦAL KULĦADD:** Predikatur: Fr. STEPHEN DeRAFFAELE S.J.
Mit-Tnejn 27 ta' Marzu sal-Ġimgħa 31 ta' Marzu fil-5.15pm

**GĦALL-ĦADDIEMA:** Predikatur: Mons Dun ĠWANN DIMECH
Mit-Tnejn 3 t'April sal-Ġimgħa 7 t'April fin-12.35pm

**GĦAT-TFAL:** Prdikatur: Patri SERAFIN BORG OSA
Mit-Tnejn 10 t'April sal-Ħamis 13 t'April fl-4.30pm



# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA TA' KULL XAHREJN

Uffiċċju Editorjali: CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita', Victoria, Għawdex.
Tel : 55 63 77 • Fax: 55 69 81
Email: sangorg@vol.net.mt
Website: www2.vol.net.mt/org/sangorg


## MEMBRI ĠODDA FIL -KOMUNITA' PARROKKJALI

31.12.1999: **GEORGE MICHAEL**, iben Anton Grima u Josephine nee' Cassar
06.01.2000: **PAUL**, iben Tonio Grech u Marisa nee' Galea
30.01.2000 **SYLVANA,** bint Joseph Camilleri u Cettina nee' Buttigieg
06.02.2000 **FABRIZIO** iben Mario Farrugia u Lena nee' Cini

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

11.12.1999 Joseph Mizzi u Christine Sultana

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

25.12.1999 Anton Zammit
01.01.2000 Alfred Borg
06.01.2000 Dorothy Debattista
08.01.2000 Maria Grima
12.01.2000 Margaret Micallef
31.01.2000 Marcel Farrugia
02.02.2000 Wiġi Spiteri

## Donazzjonijiet b'Risq ir-Rivista:

Fr. Tony Mercieca: US$ 30
George Grech: Lm3

## PELLEGRINAĠĠ GĦAL LOURDES FIS-SENA TAL-ĠUBLEW IL-KBIR

***Mis-6 sat-12 t'Awissu 2000***

**Dettalji u Booking Mons Salv Borg**

**~ NUMRU LIMITAT ~**

**L-Għaqda Drammatika Astra għandha l-pjaċir tippreżenta**

## ILSIEN IL-LIFGĦAT

Kummiedja brillanti ta' Carlo Goldoni
maqluba għall-Malti minn **Mons. Salv Borg.**
Produzzjoni ta' **George Mizzi**

**TEATRU ASTRA**
**Is-Sibt, 1 t'April 2000**

# Editorjal

## IĊĊELEBRAJNA

Għawdex, kif kien xieraq, iċċelebra flimkien ma' Malta u mal-pajjiżi kollha tad-dinja tmiem it-tieni u l-bidu tat-tielet millenju. Fil-fehma tagħna kienu ċelebrazzjonijiet li għamlu ġieh lill-Għawdex u lill-Kumitat tal-Millenju fil-Ministeru għal Għawdex. Minkejja ċ-ċokon ta' gżiritna kellna ċlebrazzjonijiet li nisslu l-għaqda, li kienu dinjitużi u li kienu fil-limiti tal-possibiltajiet tagħna. Kull min kien preżenti fi Pjazza Indipendenza fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Diċembru 1999 u l-1 ta' Jannar 2000 seta' jinnota dan. Maltin u baranin li kienu fostna għal dan il-lejl kellhom ukoll kliem ta' tifħir għal mod kif saru ċ-ċelebrazzjonijiet.

F'dak il-lejl kulħadd iċċelebra u feraħ u ta l-awguri tiegħu. Kulħadd kien kuntent li qbiżna l-aħħar siegħat tat-tieni millenju għat-tielet wieħed tal-Kristjaneżmu fil-paċi u fis-sliem. Kien mument li mhux ser jintesa kif ġieb u laħaq. Kien mument li fih, barra dawk li kienu qed jiċċelebraw, kien hemm oħrajn li kienu qed jitolbu, kif sar fil-parroċċa tagħna matul dak il-lejl.

U bir-raġun nfaħħru l-inizjattiva tal-parroċċa tagħna li tibqa miftuħa matul dak il-lejl, għax mhux dawk biss li baqgħu hemm, imma ħafna u ħafna oħrajn, approfittaw ruħhom mill-parroċċa tagħna, li filwaqt li kienu sejrin jingħaqdu ma' ħbiebhom u qrabathom biex jiċċelebraw, ma nsewx jmorru quddiem Ġesù Sagramentat u jirringrazzjawh ta' l-għajnuna tiegħu matul is-snin li għaddew, filwaqt li talbuh dehen u qawwa spiritwali għas-snin li ġejjin.

Iċċelebrajna u ċċelebrajna kif kien jixraq. Imma issa jonqos l-impenn tagħna biex dak li rnexxielna nkomplu ngħożżu bħala teżor tagħna ma nitilfuhx. Ir-rigal tal-Fidi Nisranija li ġabilna San Pawl, kważi elfejn sena ilu, jeħtieġ li nibżgħu għalih. Il-prerikli qed jikbru mhux minn sena għal'oħra, imma minn jum għall-ieħor. Jekk inpoġġu saqajna fl-art u ngħarblu sewwa s-soċjeta' tagħna nindunaw li jekk ma nħabirkux din ser tibda titnawwar minn ġewwa. Jekk inħallu li jkompli jiġri dan, kif jgħid il-Malti, niltifu il-qagħleb u l-ġbejna.

Ġej ir-Randan. Żmien qawwi ta' riflessjoni. Ejjew nidħlu daħla fina nfusna u naraw fejn sejrin żmerċ. Jekk mhux ser ngħamlu hekk, u nintilfu biss fiċ-ċelebrazzjonijiet esterni, ser nibqgħu sejrin lura.

Dak li nitilfu llum diffiċli ferm insibuh għada.



# MATUL IL-ĠUBLEW IL-KBIR FIL-BAŻILIKA TAGĦNA TISTA' TIRBAĦ L-INDULĠENZA PLENARJA

L-Indulġenza Plenarja tista' tintebaħ darba waħda kull jum matul il-ġublew.

L-Indulġenza Plenarja tista' tintrbaħ biss f'laqgħa awtentika ma' Alla l-Missier permezz ta' Ġesu' Kristu li hu preżenti permezz tal-Knisja u fil-Knisja tiegħu.

L-Indulġenza Plenarja tista' tiġi applikata b'suffraġju ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju.

***Kundizzjonijiet biex tirbaħ l-Indulġenza Plenarja***

1. Tirċievi s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, jekk ma tkunx irċivejtu xi ġranet qabel, waqt li ġġedded l-impenn tiegħek għall-konverzjoni tal-qalb u tagħmel għemejjel ta' penitenza. Dawn l-għemejjel ta' penitenza (eż. tastjeni mit-tipjip jew alkoħol jew issum almenu fil-ġurnata li fiha tkun se takkwista l-indulġenza) trid tagħmilhom bi tpattija għal dnubietek u biex tikseb ħakma fuq il-passjonijiet tiegħek ħalli tiddistakka ruħek minn kull xorta ta' dnub anki dak venjal.

2. Tersaq b'devozzjoni lejn l-Ewkaristija fit-Tqarbin Imqaddes. Dan huwa meħtieġ għall-indulġenzi kollha u għandu jsir fl-istess jum li fih twettaq il-ħidmiet preskritti għall-akkwist ta' l-indulġenza.

3. Turi r-rabta ta' mħabba tiegħek mal-Knisja u tagħti xhieda għaliha billi tagħmel il-Professjoni tal-Fidi (il-Kredu), titlob it-Talba tal-Missierna, tagħmel talba lill-Imqaddsa Verġni Marija u titlob skond l-intenzjoni tal-Papa.

4. Tieħu sehem b'mod devot: f'ċelbrazzjoni Ewkaristika (Quddiesa), jew f'ċelebrazzjoni Liturġika ( Tifħir ta' Sbieħ il-Jum/ Għasar), jew f'eżerċizzju ta' pjeta' (Via Sagra, Rużarju, Eżerċizzi Spiritwali), jew f'adorazzjoni Ewkaristika jew meditazzjoni ( għal xi ħin).

5. Tagħmel atti ta' mħabba u ġenerożita' ma' min hu fil-bżonn jew f'xi diffikulta' bħal per eżempju: tagħmel żjara lill-morda jew l-anzjani, tagħti d-demm u/jew tiddisponi l-organi tiegħek għal trapjanti wara mewtek, issum jew tastjeni minn xi ħaġa u tagħti somma proporzjonata lil min hu fil-bżonn, tikkontribwixxi mill-aħjar li tista' għal xi opra ta' karattru reliġjuż jew karitatevoli approvati mill-Knisja.

# IL-ĠUBLEW TAT-TFAL FIL-PARROĊĊA TAGĦNA

Il-Parroċċa tagħna ċċelebrat il-Ġublew tat-Tfal nhar il-Ħadd 2 ta' Jannar 2000, propju fl-istess ħin taċ-ċerimonja fil-Belt tal-Vatikan immexxija mill-Q.T. il-Papa Govanni Pawlu II.

L-okkażjoni bdiet b'Konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-Arċipriet Mons Giuzeppi Farrugia fil-Bażilika mimlija b'żgħar u kbar. It-tfal kellhom sehem sħiħ fil-qari, fit-talb u fl-offerti sprċjali. Anke l-omelija saret taħt forma djalogata.

Imbagħad telqu lejn Pjazza Indipendenza għal party kbir organiżżat miż-Żgħażagħ taħt it-tinda tal-Millenju. Kellhom logħob, kant u ċajt waqt li tqassmu ħelu u rigali lil kulħadd, b'awguri wkoll għal dawk bil-birthday. Il-Banda 'La Stella',

il-grupp Straight Ahead u diversi personaġġi popolari komplew żiedu d-divertiment u l-briju: entużjażmu li lanqas il-ħalbiet tax-xita ma rnexxielhom joħonqu. L-attivita' sħiħa xxandret fuq ir-radju komunitarju 'Leħen il-Belt Victoria'.



Dan jikkonferma l-intenzjoni tal-Parroċċa ta' San Ġorġ li tgħin u tiggwida lill-parruċċani biex joħroġ l-aqwa ġid mill-Ġublew il-Kbir tas-Sena 2000.

Infatti tħejjew direttivi ċari (li qed nippublikaw f'paġna oħra ta' din ir-rivista) dwar ir-rebħ ta' l-Indulġenzi li twaħħlu mal-bibien tal-Bażilika bħala gwida u tħeġġiġ. U fl-aħħar tas-sena (barra l-jum Espożizzjoni, il-Pontifikal u t-Te Deum tas-soltu) ġiet organiżżata Velja mid-9.00pm "l quddiem li ntemmet bil-Barka Sagramentali, eżatt mat-tokki ta' nofs il-lejl, milqugħ bid-daqq ferrieħi tal-famużi qniepen tal-Bażilika.

# MADRE MARGERITA DEBRINCAT

## ĦAJJA MIBNIJA FUQ L-EWKARISTIJA

*minn* **Dun Ġużepp Gauci**

Nhar is-Sibt 22 ta' Jannar 2000 kien it-48 anniversarju mill-mewt ta' Madre Margerita, Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu'. L-anniversarju ta' din is-sena kien fih tifsira speċjali u kien ċelebrat b'mod differenti mis-soltu. Għax dak in-nhar saret il-konklużjoni tal-Proċess Informattiv Djoċesan għall-Beatifikazzjoni ta' Madre Margerita, biex, imbagħad, il-ħidma titkompla f'Ruma.

F'Għawdex, matuı kważi tnax-il sena, sa mill-4 ta' Lulju 1988, inġabret l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-persuna u l-ħidma ta' Madre Margerita, it-tfajla Għawdxija minn Kerċem, li sa mis-snin tat-tfulija tagħha kellha ġibda kbira lejn Ġesu' fl-Ewkaristija. Kull meta minn Kerċem kienet tasal sal-Belt Victoria, għal-lezzjonijiet tat-Taljan u tal-Franċiż, ma kenitx tħalli barra żjara lil Ġesu' fit-Tabernaklu tal-Knisja ta' San Ġorġ, fejn ġiet mgħammda fl-1862. Meta f'raħal twelidha, f'Kerċem, kienet toqgħod taħdem il-bizzila, kienet tieħu ħsieb li ħarsitha tkun lejn it-Tabernaklu tal-Knisja ta. San Girgor.

Meta saret reliġjuża, il-preżenza tagħha quddiem Ġesu' fl-Ewkaristija kienet tgħaġġeb lil kulħadd, u qatt ma kienet tħalli barra ż-żjara ta' bil-lejl lill-'Għrus Priġunier'. L-aqwa rigal li ngħatalha f'ħajjitha kien meta l-Isqof ta' Malta Mons

Mawru Caurana, fl-1923, ta lill-Kongragazzjoni, id-Dar ta' l-adorazzjoni tal-Belt Valletta. L-aħħar



*Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesu', Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu'.*

sinjali li tat qabel mewtha kienu taħbitiet fuq il-ħajt li kien jifred kamritha mill-Kor tal-'Casa Madre', fejn kien hemm Ġesu' fit-Tabernaklu.

### IL-PROĠESS DJOĊESAN GĦALL-BEATIFIKAZZJONI

L-Editt ta' l-Isqof t'Għawdex, l-E.T. Mons. Nikol Cauchi, li bih ġie mħabbar il-Proċess Djoċesan għall-Beatifikazzjoni ta' Madre Margerita-editt li jġib id-data tat-30 ta' Mejju 1988-inqara fil-knejjes kollha ta' Għawdex fil-jum ta' 'Corpus Christi' ta' dik is-sena. It-tmiem ta' dan il-proċess qed jiġi ċelebrat fid-Djoċesi t'Għawdex, sewwasew fis-Sena tal-Ġublew li hi Sena Ewkaristika. Dan kollu qisu jrid jikkonferma kemm Madre Margerita kienet għal kollox 'ruħ Ewkaristika'.

Madre Margerita kienet temmen bis-shiħ li t-Tabernaklu Ewkaristiku hu bħal 'power house' ta' enerġija spiritwali li tiċċarġja l-qlub tal-bnedmin li jersqu lejh bl-imħabba. Darba kitbet lil waħda mis-Superjuri tal-Kongregazzjoni tagħha:

'Agħmel kull ma tista' biex id-dar kollha ssir forn ta' imħabba divina, u oqgħod ċerta li s-sorijiet kollha jistgħu jiffurmaw dan il-forn, jekk jitkebbsu mill-forn tat-Tabernaklu. Dak il-Pissidi Ewkaristiku mhux ħlief jgħajjat b'leħen qawwi: erwieħ,

erwieħ; imħabba, imħabba.'

### RUĦ EWKARISTIKA

Madre Margerita kienet temmen ukoll li t-Tabernaklu hu skola tal-virtujiet kollha meħtieġa min-nisrani. Meta darba kitbet lil waħda persuna li kienet tbati ħafna bl-amor proprju, qaltilha: 'Irrikkmanda ruħek spiss u bil-qawwa lill-Qalb Ewkaristika biex twasslek tagħraf u taqla' mill-għeruq ta' qalbek kull sentiment egoista, u trawwem biss is-sentimenti kollha ta' l-umilta' u tas-sempliċita'.' Lil waħda reliġjuża kitbitilha: 'Nirrikkmandalek il-qawwa, is-sabar, eċċ. Fittex kollox mit-Tabernaklu; kollox jinsab moħbi hemm.'

Madre Margerita kienet temmen ukoll li ħdejn it-Tabernaklu, fil-preżenza ta' Ġesu' fl-Ewkaristija, tista' issib il-mistrieħ ta' qalbek, basta tkun kapaċi tintelaq għal kollox f'iden il-'Priġunier ta' l-Imħabba': 'Attenta li ma titlef ebda okkażjoni biex tersaq qrib il-ħelu Ġesu' fil-Pissidi tiegħu. Hemmhekk insibuH dejjem lest biex idawwalna, ifarraġna u jgħinna.'Darb'oħra kitbet: 'Fittex dejjem il-kumpanija ta' Ġesu' fit-Tabernaklu: mingħandu ixrob l-għajnuna, il-faraġ u d-dawl li teħtieġ.'

Madre Margerita kienet tassew ruħ ewkaristka. Jekk, inneħħulha l-Ewkaristija, lil Madre Margerita nkunu qed nisirqulha dak li jagħmilha kbira u qaddisa. Għalhekk, il-figura ta' din il-persuna mdawla u msaħħa mill-Ewkaristija għandha tkun għalina eżempju ħaj ta' l-importanza ta' l-Ewkaristija fil-ħajja nisranija. Mingħajr l-Ewkaristija, in-nisrani jkun għeri, dgħajjef; bl-Ewkaristija, in-nisrani jkun qawwi, ikollu kull ma jeħtieġ. ●



Die 28. Ejusdem
Virginia [illegible] Debrincat
Dnus D. Joseph Pace [illegible] baptizavit infantem [illegible] natam ex Michaele Angelo Debrincat, et [illegible] Cui impositum est nomen Virginia, Josepha, Maria Joanna. Patrini fuerunt [illegible] Maria [illegible] Tabone

*Il-kitba fir-reġistru tal-Magħmudija tal-Parroċċa ta' San Ġorġ meta ġiet mgħammda Madre Margerita u ngħatat l-isem ta' Verginia.*

# IL-50 ANNIVERSARJU MIT-TWAQQIF TA' L-EWWEL PRESIDIUM TAL-LEĠJUN TA' MARIJA F'GĦAWDEX

## Madonna ta' Fatima: 22.01.1950 - 22.01.2000

## *BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ MARTRI RABAT*

*Diskors ta' **Mons Rużar Borg,** Direttur Spiritwali tal-Comitium*

Ħamsin Sena! Ħamsin sena ilu kienet is-Sena Mqaddsa 1950 u f'din is-sena seħħew ġrajjiet importanti fil-Knisja Kattolika. Il-Papa Piju XII iddikjara d-Domma ta' l-Assunta fl-1 ta' Novembru, ibbeatifika l-ewwel Papa wara 400 sena, San Piju X, u kkanonizza lil Santa Marija Goretti għall-ewwel darba ġiet ipproklamata qaddisa fil-preżenza ta' ommha, Assunta Goretti li kienet fi Pjazza San Pietru.

Dawn il-ġrajjiet kollha kellhom riżonanza globali u lkoll servew ta' injezzjoni spiritwali qawwija fil-Ġisem Mistiku ta' Kristu: il-Knisja Kattolika. Il-mass media bil-ħaqq kollu, kif kien xieraq, tawhom il-pubbliċita' li kien jistħoqqilhom.iżda f'dik l-istess sena, fi gżira ċkejkna li ma tidhirx fuq il-mappa, ġo knisja sabieħa li tilqa' kuljum eluf ta' nies għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, bil-ħidma ħawtiela ta' żewġ leġjonarji, Bro. Booker u Bro. Formosa, inżeret fis-skiet u fis-satra l-ewwel żerriegħa tal-Leġjun ta' Marija. Bħal-lum ħamsin sena, hawn hekk f'din il-Knisja. Dik iż-żerriegħa illum saret siġra li tħaddan 136 Praesidium u "l fuq minn 900 leġjunarju imqassma fi tmien kunsilli. X'ma nroddux ħajr lill-Mulej u lil Marija.




U għaliex propju f'San Ġorġ? Forsi għax hu wkoll kien leġjonarju, u kif biddel is-servizz minn Kavallier ta' l-Imperu għall-Kavallier ta' Kristu, hekk ukoll Leġjunarju ta' Marija, bħal San Ġorġ irid jikkumbatti bil-ħila u bl-erojiżmu kontra l-ħażen u d-dnub u jkun lest bħal San Ġorġ li jċedi ġidu, karriera u saħansitra ħajtu biex jeqred id-dnub mill-umanita' kollha. Iva, dan hu l-ideal imfisser tant ċar sa mill-ewwel versi tal-Manwal tagħna u lejh irridu nimmiraw biex naraw il-Knisja ta' Kristu meħlusa minn kull tebgħa, bħax-xebba simbolika li salva San Ġorġ.

San Ġorġ kien f'praesidium, San Ġorġ kien pretorjan! Għalina li qegħdin fi praesidium ifisser li nosservaw bir-reqqa kollha s-sistema tal-Leġjun ta' Marija; ifisser li nirrispettaw kull laqgħa billi nkunu puntwali u regolari, li nieħdu sehem attiv fiha. 'Fil-laqgħa', qaltilna Sr. Neville, il-mibgħuta tal-Concilium, 'ħadd ma jista' ikun passive spectator iżda kull wieħed irid jagħti sehemu'. Irridu nkunu involuti, committed, f'pika qaddisa bejnietna min jilħaq l-ogħla grad ta' effiċjenza leġjunarja: fl-ispirtu, fil-ħeġġa, fl-etużjazmu, fil-ħila. Mingħajr din l-għira qaddisa, taħkimna r-rutina u l-ħajja tal-praesidium tintemm.



*Mons Arċipriet jagħti merħba lil-Leġjunarji*

Li San Ġorġ kien pretorjan, mela fi klassi speċjali, għalina jfisser li nkunu saturi bl-ispiritwalita' leġjunarja. L-istess mibgħuta tal-Concilium, ħeġġitna biex niġġeddu, billi speċjalment ngħixu u nassimilaw sew it-tielet regolament prinċipali. Kollox fil-Leġjun irid isir b'dik l-imħabba li Marija kienet tittratta biha lill-Ġesu' Bambin. Dak l-istess Ġesu' li aħna nqimu fl-Ewkaristija rridu narawh u nservuh fil-proxxmu tagħna, hu min hu. U trid tkun Marija fina li taqdi lill-Binha Ġesu' permezz tagħna. X'purita! X'umilta'! X'viżjoni soprannaturali hi meħtieġa biex naslu għal dan! Irridu nkunu nies li jitolbu u jitgħakksu, li nħobbu, biex noqorbu għal dan l-ideal.

Ħamsin Sena! Kemm għandna għaliex nifirħu, niċċelebraw u nroddu ħajr! Kemm ħabbejtna O Ġesu' meta sejjaħtilna biex 'inservu taħt l-istendard ta' Marija!'. Kemm grazzji, kemm ġid irċivejna! iżda dil-verita' stess timpenjana biex nagħtu iżjed, biex inkunu ġenerużi iżjed. Għajb għalina jekk matul din is-sena Ġubilari ma nimlewx kull uffiċċju vakant, jekk ma nwasslux l-attendenza għal-laqgħat għal 90%, jekk ma nittrasformawx lil Għawdex tagħna fi gżira Ewkaristika kif talabna Mons Isqof tagħna. Għajb għalina jekk id-dragun taż-żina, ta' l-infedelta' fiż-żwieġ, tal-profanazzjoni ta' Jum il-Mulej, tal-mibgħeda bejn l-aħwa jibqa' jibla' l-erwieħ. Bħal San Ġorġ, naqbdu l-armi tat-talb u ta' l-apostolat leġjunarju f'idejna u ma' Marija li saħqitlu rasu b'riġlejha sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha bla tebgħa, ir-rebħa tkun tagħna.

Christus Vincit. Christus Regnat. Christus Imperat. 'Jien rbaħta d-dinja', qalilna u qed jgħdilna Ġesu'! Nagħmlu kuraġġ! Immiddu bil-qalb idejna għax-xogħol. Inħajjru oħrajn, ħafna oħrajn, biex jissieħbu magħna f'din l-avventura glorjuża, f'din it-taqtiegħa għall-erwieħ u kif ħafna minn ħutna diġa għaddew mill-bieb glorjuż tal-mewt għall-Kristu, bħal San Ġorġ, hekk aħna wkoll, jekk ma mmutux taħt ix-xabla ta' l-għadu, immutu bħal Santa Tereżina l-mewt ta' l-imħabba li titfagħna f'dirgħajn Alla Missierna. Ikun Imfaħħar Ġesu' Kristu. ●

# IL-BEATU DUMNIKAN GIACOMO MINN VAREZZE (c.1230-1298) L-AWTUR TAL-'LEGENDA AUREA'

*Mill-Kan. Dun Nikola Vella Apap*

**Mit-Twelid sal-Mewt**

Twieled lejn is-sena 1230, libes it-tonika Dumnikana fl-1244, għallem it-Teoloġija, u ppriedka f'Genova, Viterbo u bliet oħra ta' l-Italja mill-1252 sal-1267, fis-snin fertili tal-produzzjoni tiegħu intellettwali. Kien Provinċjal tal-Lombardija mill-1267 sal-1286, barra mill-1278-81, li bħala patri sempliċi setgħa jiefu l-ħajja li kien iħobb tat-talb u ta' l-istudju. Fis-sena 1288 m'aċċettax l-Arċiveskovat ta' Genova, imma kellu jaċċetta fl-1292 b'kmand tal-Papa Niccolo IV fejn għall-sitt snin mexxa b'prudenza, ċaħda u kuraġġ.[1]

Fl-1295 kiseb il-paċi bejn il-'Mascherati' u r-'Rampini' (Guelfi u Ghibellini ta' Genova), imma għal ftit. Dritt wara lpiki reġgħu qamu, fejn ipprovokaw ħruq fil-katidral. Fl-1296 qajjem f'Genova l-kult lejn ir-Relikwi tal-qaddisin miġjubin mill-Lvant. Miet fil-lejl bejn it-13 u l-14 ta' Lulju 1298 wara li rregola b'att notarili l-amministrazzjoni tiegħu ta' Isqof. Bħala artist mistiku f'dixxiplina erojka wettaq id-dmirijiet ta' l-apostolat kombattenti. Il-kult tiegħu ġie kkonfermat mill-Papa Piju VI fl-1816, u l-festa tiegħu fl-Ordni Dumnika taħbat fit-13 ta' Lulju.[2]

**Meta Kiteb il-'Legenda Sanctorum' jew il-'Legenda Aurea'**

Bejn l-1253 u l-1270 Giacomo kiteb il-Legenda Sanctorum jew il-Legenda Aurea li mhix biss ġabra agiografa f'ordni kronoloġiku. Giacomo kellu l-kapaċita' li juri b'kjarezza f'Latin volgarizzat 'Circulum Anni' taż-żmien u tal-festi billi fisser is-sinjifikat taż-żminijiet liturġiċi u d-drawwiet tal-Knisja (Vġejjel, Ottavi, Sawm u Żmien). B'hekk wera minn ħafna ġrajjiet mill-ħajja ta' Ġesù Kristu u tal-Qaddisin skond meta kienu jaħbtu, billi jikkommentahom u jiġbed l-applikazzjoni morali. Il-'Legenda Aurea' kienet isservi ta' meditazzjoni fis-sollenita', bħala qari tal-kuljum, bħala edifikazzjoni u interess għall-avventuri meralviljużi ta' l-Eraoj ta' Kristu li tirrakkonta b'fidi soda u mhux puerili.[3]

Il-'Legenda' kellha dritt tixrid immens, u għamlet il-brevjar tal-lajċi ta' kultura medja l-għajn tal-predikazzjoni u ta' l-arti aġġjografa. Mis-Seklu XIII sas-Seklu XV daħlu kliem mhux ġenwin, minn 'Ħajjiet' oħra hekk li minn 182 kapilu tal-manuskritt l-aktar antik (1288 Einsdeln) telgħu għal 440 fis-seklu XV. L-ewwel edizjoni latina saret fl-1470. Fost il-moderni l-aħjar dik imħrasa minn Graessse, Ratisbona tal-1890. L-ewwel edizzjoni fil-komun f'Venezja fl-1474, skond traduzzjoni ħażina ta' N. Namubi, li ġiet mill-ġdid stampata sas-seklu XVII. Fis-sekli XVIII u XIX dehru edizzjonijiet parzjali ta' verzjoni tas-seklu XIII; fl-aħħar ta' l-1924 dehret traduzzjoni kollha u tajba minnn A. Levasti f'Firenza.[4]

Giacomo fuq kollox kiteb: 'Sermones de Sanctis e Sermones Dominicales' (1277-81), 'Sermones Quadragesimales' (1283-92), 'Liber Marialis' (1295).

Dawn huma skemi ta' priedki mibgħutin lil ħutu li juru ġenju, kultura, finezza psikoloġika u qdusija. Għall-imħabba lejn il-merħla li kellu Giacomo sab żmien biex jikteb 'Kronaka ta' Genova' mill-bidu sal-1297 fuq bażi ta' dokumenti, fuq kollox tradizzjoni tal-post. Importanti l-parti li turi ż-żmien tiegħu.[5]

**Il-'Legenda Aurea' u San Ġorġ**

Ktibt fuq il-Beatu Giacomo minn Varezze, Dumnikan għaref, minħabba l-leġġenda ta' San Ġorġ. Qabel xejn xi tfissrer 'leġġenda'. Dwar il-kelma 'leġġenda' l-awtur Taljan Nicola Zingarelli fil-'Vocabolario Della Lingua Italiana' fissirha hekk: 'Leġġenda' Ħwejjeġ biex taqra'. 'Narrazzjoni tal-mirakli ta' Marija Verġni jew tal-Martri'. 'Narrazzjoni ta' Qaddis b'spirtu reliġjuż u ta' fidi'.[6] Hasra li hemm min b'moħħ malizzjuż jew għax qatt ma qara jew għamel riċerka din il-kelma stampaha ħażin f'moħħ il-poplu.

Il-Kittieba Taljana Cecilia Lisi minn Firenza li ħadet ħsieb taqleb mil-Latin il-'Legenda Aurea' (li tagħha minn qiegħed jikteb għandu l-ktieb) fl-1952 għat-Taljan, fil-Prefazzjoni ta' dan il-ktieb f'paġna XIII kitbet: 'L-iskop ta' l-awtur Giacomo minn Varezze) kien li jinteressa lill-poplu u lil-lajċi fil-ħajja ta' l-Eroj tal-Knisja; u anke fi żmenijietna hekk profondament diversi minn tiegħu irnexxielu.'[7]

Il-Beatu Giacomo fil-'Legenda Aurea' jgħid il-ġrajja ta' meta San Ġorġ ħeles lit-tfajla tar-Re li messitha x-xorti ħażina li tkun mikula minn dragun. San Ġorġ irnexxielu joqtol lid-dragun u t-tfajla ġiet meħlusa. Fil-qosor din hi l-istorja tad-dragun u San Ġorġ. Dan il-Beatu Dumnikan ikompli jgħidilna f'din il-ġrajja li r-Re u l-poplu kollu ikkonverta u ħada lkoll-il-magħmudija. Ir-Re offra somma flus lil San Ġorġ, imma dan il-qaddis ordna li jkunu mqassma lill-fqar. Din il-ġrajja titkompla b'għeġubijiet oħra li wettaq San Ġorġ, fejn sa fl-aħħar sofra l-qtugħ ir-ras. Fil-ġrajja ta' din il-leġġenda l-Beatu Giacomo jikteb x'kiteb Sant' Ambroġ wara wieħed mill-mirakli ta' San Ġorġ: 'Ġorġi, suldat l-iktar fidil ta' Kristu, waqt li bil-moħbi kien jipprofessa l-fidi nisranija, kellu l-kuraġġ li juri li huwa segwaċi ta' l-Iben t'Alla: għal din il-fidi ta' l-għaġeb, il-grazzja t'Alla tagħtu li jirbaħ tbatijiet bla għadd. O hieni u illustri Suldat t'Alla! Mhux biss ċaħad il-ġid ta' l-art, imma daħaq bil-persekutur tiegħu, għax waqqa' it-tempju bl-idoli tiegħu.'[8]

Il-Beatu Giacomo b'din il-leġġenda ried juri r-rebħa ta' San Ġorġ fuq il-ħażen. Id-dragun huwa simbolu tal-ħażen. Ix-xebba hija simbolu tal-Knisja. Ir-rebħa lill-Knisja li ġab San Ġorġ bil-qtil tad-dragun fissret ukoll il-konverzjoni tar-Re tal-belt ta' Silene fil-Libja u miegħu l-poplu kollu.

Id-dragun huwa l-qawwa ta;l-ħeżen 'Għadu t'Alla' u ta' dawk li jafdaw fih. L-Apokalissi jxebbħuħ espliċitament mas-'Serpent' qadim tal-Ġenesi, max-Xitan, ma Satana li minnu l-Bhima ħadet il-qawwa tagħha, u li jiġi mirbuħ fl-aħħar taż-żminijiet.[9]

Il-'Legenda Aurea' titkellem fuq il-festi prinċipali tal-Mulej, tal-Madonna u tal-Qaddisin fosthom il-Martri.

***RIFERENZI:***

1. Enciclopedia Cattolica. Geni-Inna. Vol.VI.p.332
2. Ibid. p.332
3. Ibid. p.332
4. Ibid. p.332
5. Ibid. pp.332,333
6. N. Zingarelli. Vocabolario Della Lingua Italiana (1928). Anno IV.p.838
7. Jacopo Da Varagine. Legenda Aurea. Traduzione dal Latino di Cecilia Lisi (1952) p. XIII.
8. Ibid. p. 270
9. Andre-Marie Gerard. Dizionario Della Bibbia. Volume Primo (1989).p.366.

## ROKNA TAT-TFAL

Għeżież Tfal,

Kif intom? Dal-ġranet żgur li spiċċajtu mill-eżamijiet ta' nofs is-sena u issa moħħkom fil-Karnival! Żewġ avvenimenti xi ftit kontra xulxin. Għax waqt li f'ta' l-ewwel hemm ftit ta-serjeta', f'tat-tieni hemm element umoristiku.

L-eżamijiet huma meħtieġa u importanti dejem, u dawk ta' nofs is-sena mhumiex xi eċċezzjoni. Il-karnival huwa meħtieġ ukoll għax jiksrilna xi ftit mill-monotonija tal-ħajja ta' kuljum. Jaljenana miż-żmien ta' penitenza li jkun ġej wara l-ġranet ta' xalar u tbaħrid. Imma fid-dinja kollox irid ikun: il-jiem ta' ferħ u dawk ta' niket; iż-żmien ta' xalar u divertiment u l-jiem ta' penitenza u sagrifiċċju.

Aqraw dan il-fatt ċkejken.

Robert Lee, il-famuz mexxej Amerikan, darba kien qed jivvjaġġa fuq ferrovija ma' xi uffiċċjali u suldati tiegħu meta fil-vagun tagħhom daħlet mara fqira. Ma kienx baqa' postijiet vojta u ħadd ma offrielha postu.

Fl-aħħar, meta l-ġeneral Lee raha bil-wieqfa, qam u offrielha postu. Kif raw il-ġeneral tagħhom bil-wieqfa, l-uffiċċjali u s-suldati kollha, qamu u talbuh jieħu posthom. 'Le, sinjuri', għallimhom Lee, ' jekk m'intomx lesti toffru postkom lil mara fqira, lanqas ma tistgħu toffruh lili.'

Tfal, minn dan il-fatt nitgħallmu li għandna dejjem nissagrifikaw ruħna għall-proxxmu tagħna kollu, hu min hu, anki ma' dawk inqas ixxurtjati minna.

Nawguralkom li jkollkom riżultati tajbin fl-eżamijiet li għamiltu.

Saħħiet.

Iz-Ziju Peppi

# IL-ĠUBLEW: X'INHU U GĦALIEX

*(Siltiet mill-Ktieb ta' **Mons Salv Borg** - Pubblikazzjoni 'Lumen Christi')*

## X'INHU L-ĠUBLEW?

Il-Ġublew huwa: STEDINA STRAORDINARJA sabiex nifhmu aħjar il-misterju ta' l-Inkarnazzjoni.
*Ftakar li Alla jħobbok. Kien għall-imħabba li huwa għandu għalik, li Ġesu' 2000 sena ilu sar bniedem.

Il-Ublw huwa: STEDINA STRAORDINARJA sabiex inħobbu lill-bnedmin l-oħra bħalma ħabbna Kristu stess. 'Mela dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu,agħluh intom ukoll lilhom; għax din hija l-Liġl u l-Profeti'. (Mt. 7,12)

Fl-okkażjoni tal-Ġublew: l-Anniversarju tat-twelid ta' Ġesu' kull persuna hija msejħa biex tirrifletti dwar dan: AALA HU Min minnkhomĦABBA. L-imħabba tmexxina lejH u lejn il-paċl sinċiera magħna nfusna.

INT li int NISRANA, jiħiefieri, segwaċl ta' Kristu, qatt irnexxielek issib mument wieħed ta' skiet interjuri sabiex tistaqsi lilek innifsek għalies seħħet din il-ġrajja hekk kbira? 'Araw, issa hu jum tajjeb, araw issa hu jum is-salvazzjoni'. (2 kor 6,2)

*Il-Ġublew jew is-Sena Mqaddsa hu:*

- Is-sena tat-twelid spiritwali
- Is-sena tal-laqgħa personali ma' Kristu
- Is-sena ta' l-imħabba ġeneża t'Alla u għal Alla
- Is-sena ta' l-imħabba ġeneża ta' l-aħwa lejn l-aħwa

Il-Ġublew il-Kbir għandi skop determinant: 'Il-mira tal-Ġublew hija it-tisħiħ tal-Fidi u tax-xhieda nisranija.'

Il-Ġublew jagħmel sejħa qawwija lil kulħadd sabiex: JAGĦARFU IŻJED IL-MISSIER, L-IBEN U l-ISPIRTU S-SANTU, FLIMKIEN MA' MARIJA OMM IR-REDENTUR.

Ħadd ma jista' lħobb lil min ma jafx. Għalhekk dan jitlob minna mpenn personali sabiex:

- Naqraw l-Iskrittura Mqaddsa
- Ninżlu aktar fil-fond tad-duttrina kattolika bl-istudju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika
- Nieħdu sehem fil-Liturġija, b'mod partikolari fil-Quddiesa.

Il-Ġublew jagħmel sejħa qawwija sabiex kulħadd ikun: XIEHDA TAL-FIDI

- B'Koerenza nisranija fil-ħajja personali, familjari, soċjali, tax-xogħol u ekklezjali.
- B'opri ta' karita', għax il-Fidi mingħajr opri hija mejta.
- Bl-offerta lil Alla tat-tbetijiet tagħna, filwaqt li ngħaqqduhom mas-salib salvifiku ta' Kristu.

## XI JFISSER IL-LOGO TAL-ĠUBLEW

Il-logo uffiċċjali tal-Ġublew il-Kbir tas-Sena 2000, ġie ppreżentat waqt Konferenza fis-Sala Stampa tal-Vatikan fit-12 ta' Novembru 1996, mill-Kardinal Roger Etchegary, President tal-Kumitat ~entrali tal-Ġiblew.

Dan il-logo huwa xogħol ta' Emanuela Rocchi, studenta fl-iskola ta' l-Arti tal-Midal;ja, fl-Istituto Poligrafico e Zecca dello Stato, u ġie magħżul fost numru tassew kbir ta' logos imħejjija minn artisti u aġenziji ta' komunikazzjoni mad-dinja kollha.

Il-LOGO jirrappreżenzta tajjeb il-messaġġ nisrani fid-dinja:

1. Il-parti tan-nofs, li fl-oriġinal hija ta' lewn ikħal, turi l-globu, li fuqu, qisha faxxa li ddur miegħu, insibu s-Salib.
2. Il-ħames ħamimiet, ta' lwien differenti, jirrappreżentaw lil ħames kontinenti.
3. Miċ-ċentru tas-Salib jidher ħiereġ dawl, simbolu ta' Kristu, 'id-dawl veru tad-dinja', li huwa muri wkoll mill-kelmiet Christus Heri, hodie et semper. Kristu l-bieraħ, illum u dejjem.
4. In-nisġa tal-ħamimiet flimkien tfisser l-għaqda ta' wlied Alla u ta' rikonċiljazzjoni bejn il-popli.
5. Is-Salib ifakkar li Kristu miet għas-salvazzjoni ta' kulħadd, filwaqt li t-tliet linji mlewna li jakkumpanjawh ifakkru l-misteru tat-Trinita'.

## SETT IEĦOR TA' INGRAVATI GĦALL-BANDA 'LA STELLA'

Is-Sur George Cini, partitarju tas-Soċ. Filar. La Stella f'St. Albans, Victoria l-Awstralja għadu kif irregala sett ieħor ta' ingravati lill-Banda. L-ingravati, ordnati esklussivament għas-Soċjeta, bl-arma tal-Banda stampata fuqhom, huma kopja ta''sett ġdid ta' ingravati li l-Banda kienet ingħatat ftit taż-żmien ilu fuq inizjattiva tas-Sur Cini nnifsu u s-Sur Emmanuel Attard, emigrant ieħor Għawdxi, partitarju ieħor tas-Socjeta.

Il-ħtieġa li jsiru aktar ingravati għall-Banda nħasset minħabba l-fatt li n-numru ta' bandiisti fi ħdan is-Soċjeta' qiegħed kull ma jmur jikber. Is-Sur Cini, li niftakruh bħala producer ta' ħila f'diversi xogħlijiet tal-palk li saru fit-Teatru Astra fis-snin imgħddija mill-Astra Dramatic Company, ħallas l-ispejjez kollha tal-manifattura ta' dan it-tieni sett ta' ingravati mogħti lill-Banda.

Is-Soċ. La Stella tixtieq pubblikament tirringrazzja lis-Sur Cini ta' dan il-ġest sabiħ tiegħu li juri kemm huwa tabilħaqq għandu għal qalbu din il-Banda Ewlenija ta' għżiritna.

# L-OPERETTA 'THE GIESHA'

L-Astra Dramatic Company laqgħet il-ftuħ tal-millenju l-ġdid bi produzzjoni mużikali ferm għal qalb il-pubbliku Għawdxi: l-operetta The Giesha ta' Sidney Jones. L-ewwel rappreżentazzjoni saret fit-Teatru Astra nhar is-Sibt 15 ta' Jannarr 2000 taħt il-ħarsien distint ta' li Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, l-Onor. Anton Tabone, b'show oħra ssir is-Sibt ta' wara.

Il-pubbliku numeruż li ħanaq it-teatru għal dawn iż-żewġ rappreżentazzjonijiet seta' japprezza produzzjoni mill-aktar pjaċevoli u diverteni mtella' kollha kemm hi b'talent lokali. L-operetta minnha nnifisha hija ġeneru ta' xogħol tejatrali assoċjat ma' spettaklu ta' mużika, kant, kostumi u xenarju u fil-każ ta' The Giesha dan assolutament ma kienx nieqes. Fil-fatt ċerti xeni ġew mogħtija aktar kulur u vivaċita' b'movimenti kontinwi min-naħa ta' supporting cast kbir ta' tfal.

Il-melodiji ferrieħa ta' wħud mis-siltiet mużikali ta' l-operetta għenu mhux ftit biex il-pubbliku seta' jintegra aħjar mal-produzzjoni billi f'xi ħinijiet anke ngħaqad mal-kant tal-kor. Deher ċar li din l-operetta qanqlet ċerta nostalġija f'xi wħud minn dawk li kienu rawha ( jekk mhux ukoll ħadu sehem ) meta ġiet preżentata f'Għawdex għall-ewwel darba fl-1943 (f'waħda mis-swali ta' l-isptar San Ġwann Battista) u fl-1971 (fit-Teatru Astra) taħt id-direzzjoni tas-Surmast Giuseppe Giardini Vella, li kien ukoll responsabbli għall-arranġamenti mużikali ta' l-operetta.

Minn att għal ieħor, The Giesha, kienet miżgħuda b'episodji mill-isbaħ ta' reċtar tajjeb, imżewwqa b'waqtiet komiċi, żfin allegru, xenarju li jsaħħrek u kostumi tipiċi ta' lvant imbiegħed. Cast ta' 150 persuna ħadu sehem f'din il-produxzzjoni, fosthom għadd kbir ta' żgħażagħ li nqdew b'din l-opportunita' biex jesprimu t-talenti tagħhom.

Id-Direttur artistiku, George Mizzi, ħaqqu prosit kbir għall-mod kif irnexxielu jikkoordina tant tajjeb din il-produzzjoni li bla dubju kienet titlob sagrifiċċji mhux żgħar minn dawk kollha li ħadu sehem. Kelma ta' tifħir tmur ukoll għad-Direttur Mużikali ta' l-orkestra tat-Teatru Astra, Prof. Joseph Vella, li għall-ewwel darba rnexxielu jinqeda b'element lokali, il-biċċa l-kbira bandisti solisti fi ħdan il-Banda Ċittadina La Stella. Ta' min isemmi wkoll lil Dorienne Portelli u Mariella Spiteri, li minbarra li nterpretaw żewġ partijiet ewlenin, ħarrġu lill-kor, kif ukoll lill-atturi primarji kollha, u magħhom lil Joseph Cauchi u Carmel Zammit li kienu responsabbli mis-set tax-xenarju.

Minbarra ż-żewġ rappreżentazzjonijiet għall-pubbliku ġenerali, saret ukoll rappreżentazzjoni oħra ta' l-operetta nhar l-Erbgħa 26 ta' Jannar għall-istudenti ta' l-iskejjel sekondarji u primarji.



## L-opra LA GIOCONDA fit-Teatru Astra

L-ewwel produzzjoni operistika li t-Teatru Astra se jtella' għall-millenju l-ġdid hija l-opra granjuża ta' Amilcare Ponchielli, LA GIOCONDA. L-opra ser tiġi preżentata għall-ewwel darba f'Għawdex nhar il-Ħamis 11 ta' Mejju 2000.

Propju matul dawn il-ġranet qed jiġu finalizzati l-kuntratti mas-sitt kantanti barranin li ser jinġiebu apposta biex jinterpretaw il-partijiet ewlenin ta' l-opra. Is-sitt kantanti, li tagħrif dwarhom ser jingħata iktar "l quddiem, igawdu reputazzjoni mill-aqwa fil-qasam operistiku internazzjonali; biżżejjed wieħed isemmi li lkoll kemm huma dehru kemm-il darba flimkien ma' kantanti ċelebri oħra f'uħud mit-teatri kbar ta' l-opra fl-Ewropa u fl-Amerika.

Kundisrata bħala l-kapolavur ta' Ponchielli, LA GIOCONDA hija opra li dejjem saħħret għal warajha miljuni kbar ta' dilettanti tal-mużika operistika. Minbarra l-ġmiel ta' mużika u korijiet li fiha, l-opra hija rikka wkoll f'dak li jirrigwardja x-xenarju u l-kostumi minħabba l-fatt li l-ġrajja sseħħ ġewwa Venezja fis-seklu sbatax.

LA GIOCONDA hija pjuttost opra ġdida għall-kalendarju operistiku ta' dawn il-gżejjer, partikolarment f'dawn l-aħħar snin. L-aħħar darba li saret f'Malta kien fl-1957, fir-Radio City Opera House, Ħamrun.

Il-Prof. Joseph Vella se jkollu f'idejh id-direzzjoni mużikali ta' l-opra fil-waqt li Joseph Bascetta se jkun inkarigat mid-direzzjoni artistika tal-produzzjoni. Dan ta' l-aħħar għadu kif għamel żjara ta' ġimgħa f'Għawdex fejn ħejja skeda ta' xogħol għax-xhur li ġejjin u li tinvolvi t-taqsimiet kollha tal-palk.

Minħabba l-isem sabiħ li LA GIOCONDA tgawdi f'Malta u Għawdex, il-Management tat-Teatru Astra diġa ddeċieda li jagħmel rappreżentazzjoni oħra nhar is-Sibt 13 ta' Mejju 2000.

A+M Printing Ltd. - 55 32 17